Minuti tal-laqgħa numru disgħa u għoxrin (29) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat, (KLR) li nżammet nhar l-Erbgħa, 6 ta' Jannar, 2021 fis-6.00pm fi 34, Triq Inguanez, ir-Rabat, Malta u wkoll fuq Skype.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| | Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Christopher Farrugia | Kunsillier* |
| | Is-Sra Doris Coleiro | Kunsillier* |
| | Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier* |
| | Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier* |
| | Is-Sur Kris Grech | Kunsillier*** |
| | Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier**** |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |
| Assenti: | Is-Sur Alan Said | Kunsillier** |
| Uffiċjali: | Is-Sur Charles Buhagiar A & CE | Perit |

* Fuq skype
** Bagħat messaġġ lis-Segretarju Eżekuttiv li nqabad xogħol li nduna bih tard wara l-laqgħa
*** Daħal fis-sala fis-6.20pm
**** Daħal fuq skype fis-6.30pm

29.01 **Talba u Qari tal-ittri ta' apoloġija** — Ittri ta' Apoloġija

Ma kienx hemm.

*Proposta għall-estenzjoni tal-Pjazza ta' quddiem il-Knisja tal-Baħrija*

Il-laqgħa bdiet bis-Sur Sandro Craus, is-Sur Matthew Chetcuti, is-Sur Christopher Farrugia, is-Sra Doris Coleiro, is-Sur Ian Vassallo u s-Sur Rudolph Grima. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi l-bidu ta' din il-laqgħa se jkun tali illi se ssir preżentazzjoni tal-estenzjoni tal-Pjazza ta' quddiem il-Knsija tal-Baħrija li tinkorpora ġnien u bini għall-Kunsill Lokali tar-Rabat mil-Perit Charles Buhagiar.

Il-Perit Buhagiar qal illi f'sit viċin fejn għadhom kemm jinbnew numru ta' appartamenti minn terzi, hemm imqatta' fil-blat *area* kbira li fiha hemm il-proposta li jsir ġnien. Dan il-ġnien hu fl-obbligu (kien marbut bih) tal-iżviluppatur li jitwettaq u ma jagħmilx sens li jerġa' jimtela bil-materjal dan is-sit biex fuqu ikun kostruwit il-ġnien meta l-ispazju f'dan id-diżlivell ta' sular jista' jintuża biex tinbena sala għall-Kunsill. Meta l-kunsillieri staqsew min se jibnih, il-Perit Buhagiar stqarr li l-iżviluppatur hu lest li jagħmel dan għas-spejjeż tiegħu. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi l-ispejjeż li se jkollu joħroġ il-Kunsill hu biex isir il-*gym equipment* u s-*CCTV* fil-ġnien innifsu li tista' wkoll tkun amalgamata mas-sigurtá tas-sala. Għad-diżinni tal-imwejjed u s-siġġijiet fil-ġnien, kien hemm talba biex dawn jitneħħew, ħalli ma jkunx hemm problemi mal-ġirien. Intqal ukoll illi għandna noqgħodu attenti għall-għażla tas-siġar biex ma jwaqqgħux ħafna weraq ħalli ma jkunx hemm bżonn ta' ħafna knis tal-ġnien. Dwar l-ilma ta' irrigazzjoni, il-Perit Buhagiar qal illi se tkun mibnija ġiebja ħalli l-ilma tax-xita minn fuq il-*'hard surfaces'* jinġabar u ma jinħeliex għal skop ta' tisqija. Kien deċiż illi l-kunsillieri jingħataw iċ-ċans sas-17 ta' Jannar, biex jagħtu *feedback* dwar dan id-diżinn propost. Il-laqgħa mal-Perit Charles Buhagiar damet sas-6.30pm.

29.02 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru tmienja u għoxrin (28). — *Minuti tas-seduta preċedenti*

Il-Minuti tas-seduta numru tmienja u għoxrin kienu meħuda moqrija wara li s-SE għaddihom lill-kunsillieri mal-agenda u kienu proponuti mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus u ssekondati mil-Viċi Sindku, is-Sur Matthew Chetcuti. Dawn kienu approvati unanimament mingħajr l-ebda' korrezzjoni.

*Punti mill-Minuti: Dwal dekorattivi tal-Milied*

Qam il-punt, dwar id-data meta qed jinxtgħel id-dawl tat-toroq tal-Milied. Hawn intqal illi qed nixhelu d-dwal tal-Milied mhux minn qabel il-festa tal-Kunċizzjoni fit-8 ta' Diċembru b'rispett lejn tradizzjoni. Is-Sur Ian Vassallo qal illi is-sena d-dieħla għandna nikkunsidraw li nixhelu

xi triq fil-Baħrija jew fil-Pjazza filwaqt li is-Sur Christopher Farrugia issuġġerixxa illi għas-sena d-dieħla għandna nikkunsidraw ukoll li jitpoġġa presepju jew in-naħa ta' San Katald (li din is-sena inxtehel għall-ewwel darba) jew fejn kien isir qabel fil-Pjazza tal-Parroċċa biswit il-kafeterija tal-*Wignacourt Museum.* Kien hemm suġġeriment ieħor illi ssir sistema waħda ta' mużika bil-*carols* bħalma kien isir fil-passat fil-kampanja 'Minn qalbna għall-Anġli' li fiha kienu jinġabru l-flus għad-Dar tal-Providenza. Dwar dan, kien suġġerit illi din issir mill-każini tal-baned ħalli jibbenefikaw minn assistenza finanzjarja.

29.03 **Approvazzjoni taċ-ċedola tal-pagamenti numru 317 u tal-Works/Purchase Orders numru 36** Ċedola tal-Pagamenti u tal-Works/Purchase Order

Iċ-ċedola tal-pagamenti u l-*Works/Purchases orders* indikati hawn fuq kienu approvati b'vot unanimu. Għall-item muri bin-numru 13673 dwar kont ta' *extra sweeping*, is-SE se jibgħat kopja tal-*invoice* għada filgħodu lill-kunsillieri bħala spjega.

29.04 **Mistoqsijiet tal-Kunsillieri** Mistoqsijiet

29.04.01 Dwar l-aċċess mit-triq għall-*ground floor* tal-Binja tal-Kunsill fi Triq l-Isptar, is-SE kien mitlub mis-Sur Matthew Chetcuti sabiex ifakkar lill-Perit Charles Buhagiar dwar jekk għamilx l-istudji tiegħu dwar l-aċċess għall-għatba ta' barra għall-persuni bi bżonnijiet speċjali u l-anzjani. Binja tal-Kunsill

29.04.02 Is-SE kien mitlub mis-Sindku sabiex jagħmel kuntatt mar-restawratur tan-niċċa tal-Karmnu ħalli jinbeda' x-xogħol fuqha kemm jista' jkun malajr. Niċċa tal-Karmnu

29.04.03 Kien hemm mistoqsijiet oħrajn fuq il-mod kif kienet organizzata l-attività tal-aħħar tas-sena mir-Reġjun Tramuntana permezz tal-ħruq tal-murtali. Is-Sra Doris Coleiro qalet illi deher illi kienu involuti biss il-kmamar tan-nar mingħajr l-involviment tal-Kunsill u magħha qabel is-Sur Rudolph Grima li żied jgħid illi hemm bżonn li nkunu nvoluti aktar. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi hemm bżonn li jinbidel il-mod komunikattiv bejn ir-Reġjun u l-kunsilli fi ħdan l-istess Reġjun. Reġjun Tramuntana

29.04.04 Is-Sur Ian Vassallo semma' l-bżonn li tiġi restawrata in-niċċa ta' San Pawl ta' fuq is-Saqqajja. Hu qal illi xtaq ikun għal-laqgħa li nżammet mal-Każin tal-Banda L'Isle Adam li kienet imsejħa ftit tal-jiem ilu. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi dawn riedu jiltaqgħu miegħu personalment u attendew il-Viċi Sindku u s-SE biex jieħu l-minuti u jagħmlu l-preżentazzjoni (mhux tan-Niċċa) iżda tal-proposta għall-Misraħ is-Saqqajja. Is-Sur Craus qal illi propju għada għandna laqgħa mal-Arċikonfraternità dwar in-niċċa. Is-Sindku, s-Sur Craus qal illi qed naħdmu biex inġibu restawraturi minħabba l-fatt li l-Kunsill kollu b'mod unanimu mil-bidu tal-leġislatura poġġa niċċa ta' San Pawl bħala prijorità biex tiġi rrestawrata. Niċċa ta' San Pawl u l-Proġett tas-Saqqajja

29.04.05 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem dwar it-tarmak fl-Imtaħleb u qal illi minkejja li waqajna lura għal diversi raġunijiet, il-parti tat-telgħa ġietna b'xejn u l-Kunsill ma nefaqx ċenteżmu. Madankollu issa hu antiċipat illi jsiru mill-KLR it-tarmak f'żewġ sqaqien oħra fl-Imtaħleb. Tarmak fl-Imtaħleb

29.04.06 Is-Sur Ian Vassallo talab konferma jekk fi Triq Saura quddiem il-post tas-Sur Rudolph Grima hux ser jerġa' jinqala malli titlesta Triq Għeriexem. Is-Sindku assigurah illi dan hu l-pjan filwaqt li l-ħajt li ħafna minnu hu mġarraf se nitolbu lill-MTIP sabiex jiġi rranġat sa quddiem l-eks Tattingers. Xogħlijiet fi Triq Saura u t-Telgħa tas-Saqqajja

29.05 **Performance Appraisals (bonus) tal-Impjegati tal-Kunsill Lokali tar-Rabat** Performance Bonus 2020

Is-SE tkellem fuq il-performance tal-impjegati tal-Uffiċċju. Hu qal li dwar l-impjegati hu jista' jirrakkomanda l-*performance bonus full* ta' 6%. Dwar il-performance tiegħu ta' 10% għas-sena 2020 ħalla f'idejn is-Sindku, l-Viċi Sindku u l-Kunsillieri. Is-Sur Rudolph Grima ippropona l-massimu lill-kull impjegat u s-Sur Ian Vassallo issekonda. Il-performance sħiħ tas-sena 2020 għadda b'vot unanimu.

29.06 **Ċirkulari SPI/SCI/7/2020 – Espressjoni ta' Interess – 'Smart Solutions' għall-Immaniġġjar tal-Iskart** Smart Solutions (skart)

Dwar din il-proposta is-SE ippreżenta ideja ta' *Solar Compact Trash Bins.* Ovjament wieħed jista' jikkunsidra idejat oħrajn. Kien deċiż li ssir laqgħa nhar l-Erbgħa, 13 ta' Jannar fil-5.30pm dwar din l-iskema tad-Dipartiment Gvern Lokali u dik murija f'29.07 hawn taħt. Dwar l-iskema intqal illi l-kontribut tas-Sur Nazju Cassar, tas-Sur Matthew Chetcuti u tas-Sur Kris Grech se jkun verament jirrifletti speċjalment l-inħawi tal-kampanja.

29.07 **Ċirkulari SPI/SCI/8/2020 – Espressjoni ta' Interess – Il-Belt jew Raħal Kulturali tas-Sena 2022** Belt Kulturali tas-sena 2022

Kien deċiż li ssir laqgħa oħra nhar l-Erbgħa, 13 ta' Jannar fil-6.30pm dwar din l-iskema tad-Dipartiment Gvern Lokali. Dwar il-membri li jistgħu jinteressaw ruħhom f'din il-materja ssemmew is-Sinjuri Matthew Chetcuti, is-Sur Rudolph Grima u s-Sra Doris Coleiro. Intant, għall-proposta li nistgħu nissieħbu mal-Kunsill Lokali tal-Imdina. ma kienx hemm qbil u ntqal illi minkejja li b'żewġ lokalitajiet ikun hemm aktar saħħa, skont is-Sur Rudolph Grima, nistgħu niġu *'overshadowed'* għax verament għandna materjal biex jittellgħu attività kull xahar.

29.08 **Talba għal refużjoni għall-ħsarat f'ħofra fi Triq it-Tiġrija.** Talba għal refużjoni

Se jkun ivverifikat bi spezzjoni fejn seħħ eżattament l-aċċident ta' Dr Ursula Farrugia LL.D peress li din it-triq mhix kollha fir-responsabbilità tal-KLR.

29.09 **Siltiet mir-Rapport tal-Awditur Ġenerali fuq l-2019 (Kunsill Lokali tar-Rabat)** Rapport tal-Awditur Ġenerali

Is-siltiet indikati kienu ppreżentati mal-agenda. Madankollu is-SE talab lill-kunsillieri biex jaqraw ir-rapport kollu li sar dwar il-KLi fejn ma kien hemm xejn ta' tħassib fil-konfront tal-KLR.

29.10 **Biex jitwaqqaf bord tal-intervisti għall-iskrivani (sejħiet interni)** Twaqqif ta' Bord tal-Intervisti

Għal dawn is-sejħiet interni, s-SE qal illi kien hemm applikazzjoni waħda għall-Skala 13 u oħra għal skala 11. Kien deċiż li jsiru intervisti mil-bord imwaqqaf mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus, il-Viċi Sindku, is-Sur Matthew Chetcuti u s-Sur Ian Vassallo.

29.11 **Kanċellament tal-offerta pubblika ta' Ġnien Bir Iljun u l-ħruġ mill-ġdid ta' oħra bi speċifikazzjonijiet differenti** Offerta Pubblika ta' Ġnien Bir Iljun

Il-KLR laqa' r-rakkomandazzjoni tal-Bord ta' Evalwazzjoni tal-offerta pubblika tar-rikostruzzjoni ta' Ġnien Bir Iljun, jiġifieri illi jkun hemm kanċellament tal-offerta u din terġa' toħroġ mill-ġdid. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi ltqajna mal-Inġinier tagħna li nnota xi punti fit-*tender dossier* li jridu jsiru b'mod differenti u kien deċiż illi x-xogħol fuq il-latrina li hemm taħt il-ġnien ma jsirx għax kemm-il darba jsir, din xorta mhux se tkun funzjonabbli. Hu qal illi b'latrina oħra ftit passi bogħod minn dik, jiġifieri fi Triq Santa Rita, wieħed għandu dejjem jikkonsidra l-immaniġjar tagħha – jiġifieri il-paga ta' persuna oħra.

29.12 **Immaniġjar aħjar tat-traffiku fi Triq Tabija k/m Vjal il-Ħaddiem** Immaniġjar tat-Traffiku f'Għajn Qajjet

Is-Sur Ian Vassallo tkellem dwar il-bżonn li jkun immaniġġjat aħjar it-traffiku fi Triq it-Tabija viċin l-Għajn tan-Nigret. Is-Sur Sandro Craus stqarr li għamel kuntatt mad-Deputat CEO ta' Transport Malta, is-Sur Kevin Farrugia u iltaqa' mal-Perit, is-Sur David Vassallo fuq il-post. Hu qal illi dawn aċċettaw li jinbidel it-traffic management ta' din iz-zona f'Għajn Qajjet peress li bħal issa hemm għaddej il-proġett ta' Għeriexem li jwassal s'hawnekk. Is-Sur Sandro Craus qal illi se jinqala pipe li kien jgħaddi minnu l-ilma tax-xita u jidher li se jitpoġġa ieħor madwar tliet darbiet aktar wiesgħa biex ilaħħaq mal-ilma tax-xita li jgħarraq l-inħawi kollha. Jidher li kien hemm stop sign qabel toħroġ mill-Imtarfa li m'għadiex fis-sit. Intant, xi kunsillieri qalu illi t-tabelli tad-devjazzjoni fi Triq it-Torri l-Aħmar jinħtieġ li jitwaħħlu mil-kuntrattur li qed jagħmel ir-rikostruzzjoni ta' Triq Għeriexem għal TM.

29.13 **Punti Oħra**

29.13.01 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi filwaqt li qed ikun *updated* bil-proġett ta' Għeriexem kull ġimgħatejn jisħaq illi l-proġett taċ-*Chadwick Lakes* għandu jkun maniġġjat mill-KLR fir-rigward tal-informazzjoni turistika speċjalment minn persuni li jkunu mill-akwati tar-Rabat. Hu irringrazzja lis-Sur Neil Azzopardi Ferriggi u lis-Sur Emanuel Sapiano tal-kontribut tagħhom mil-qalb lejn ir-Rabtin. Għeriexem, Tabija u Għajn Qajjet

29.13.02 Is-Sur Nazju Cassar qal illi peress li se jinġieb il-vaċċin tal-Covid 19, il-kunsillieri u l-istaff għandhom jingħataw preċedenza u jaqbżu *cohorts* oħrajn peress li jiltaqgħu ma' ħafna nies u dan jagħmilhom sussettibbli aktar, jekk mhux vulnerabbli speċjalment għall-kunsillieri anzjani. Vaċċin tal-Covid 19

29.13.03 Is-SE tkellem dwar l-evalwazzjoni tal-offerta pubblika tal-karozza. Hu qal illi l-bord tal-għażla qed jirrakkomanda l-vettura ġdida Citroen C3 ta' Michael Attard. Il-KLR qabel unanimament illi jingħata dan il-kuntratt li kien valutat ftit inqas mill-istima. Offerta tal-Vettura

29.13.04 Is-SE semma' x-xiri ta' *van second hand* li kien rakkomandat lill-Burmarrad Commercials. Hu qal illi dawn infurmawna li laħqu biegħu il-van. Infatti riedu jagħtuna wieħed ieħor ieħor simili Van second hand

b’aktar mili fuqu li ma aċċettajniex. Minn stima informali li nġiebet minn għand *supplier* ieħor, jidher li hemm oħrajn aktar vantaġġjużi fis-suq. Se jsir kuntatt ma’ Ventur biex jagħtina l-istima bil-miktub u ssir talba għal *direct order* lill-Ministru responsabbli mill-Gvern Lokali.

29.13.05 Is-Sur Matthew Chetcuti semma’ faċċata ta’ residenza li ntlaqtet waqt ix-xogħlijet minn *Infrastruttura Malta* waqt ix-xogħlijiet ta’ toroq. Is-SE se jgħaddi d-dettalji lil din l-entita’ biex jikkumpensaw lil din il-familja. Ħsarat waqt xogħol minn Infrastruttura Malta

29.13.06 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem fuq it-Triq tal-Baħrija għaliex kien hemm talba biex isir fiha l-*patching* kif fil-fatt sar. Hu qal illi hemm bżonn li jsir l-istess fi Triq it-Tiġrija, Triq Mons Depiro, Triq San Piju V u għandhom jinbdlu t-tabelli ta’ Triq tat-Torri u anke t-toroq f’Għar Barka. Patching ta’ toroq u xogħlijiet oħrajn

29.13.07 Is-Sur Chris Farrugia tkellem fuq Triq Tat-Torri fejn qal li ġie avviċinat dwar proposta ta’ żvilupp PA08910/20 fejn qed jiġu proposti 32 housing units u garage taħthom. Is-Sur Farrugia qal illi dan se jaffettwa l-propjeta' u s-sigurta' taz-zona kollha u għaldaqstant dawn ir-residenti ta’ Triq it-Torri jixtiequ li jiltaqgħu mal-perit li qed jipproponi dan l-iżvilupp massiċċ. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus iddikjara konflitt ta’ nteress peress li joqgħod eżattament faċċata u stqarr illi minħabba l-kunċett soċjali ta’ housing mhux se jikkummenta dwar dan. Xi kunsillieri talbu dawn il-pjanti lis-SE. Dan se jgħaddihomlom għada stess. PA 08910/20

29.14 **Tmiem il-laqgħa u d-data u l-ħin tas-seduta li jmiss** Aġġornament

Il-laqgħa damet sat-8.30pm u dik li jmiss se ssir nhar is-27 ta’ Jannar 2021 fis-6.00pm**.**

| | |
|---|---|
| **(IFFIRMATA)** | **(IFFIRMATA)** |
| Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 27.1.2021 minn | Sandro Craus |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |